**25. Il-Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Intern u Ġustizzja Onor. Guido De Marco jipproponi:**

Peress li fil-programmi elettorali taż-żewġ partiti li llum jirrappreżentaw lill-poplu Malti fil-Parlament hemm ix-xewqa li jissaħħu l-istituzzjonijiet u d-demokrazija fil-pajjiż, permezz ta' tibdil fil-Kostituzzjoni.

Peress li hija volonta' ta' din il-Kamra li l-Kostituzzjoni ta' Malta, tkun dejjem tirrifletti l-prinċipji bażiċi tal-ħajja nazzjonali; għalhekk il-Kamra tad-Deputati tirrisolvi li tonnomina kumitat magħżul fost il-Membri tagħha bil-għan li dan jagħmel rakkommandazzjonijiet lill-Parlament kif dan jista' jseħħ.

Dan il-Kumitat huwa kompost minn dawn il-Membri:-

L-Onor. Guido De Marco, Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Intern u Ġustizzja bħala Chairman;

L-Onor. Censu Tabone, Ministru ta' l-Affarijiet Barranin;

L-Onor. Ugo Mifsud Bonnici, Ministru ta' l-Edukazzjoni;

L-Onor. Dom Mintoff;

L-Onor. Guże' Cassar.

Dan is-Select Committee jkun jista' jirregola l-proċeduri tiegħu minkejja kull provvediment fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra; iżda l-quorum għandu jkun ta' tliet Membri u ċ-Chairman għandu jkollu u jeżerċita l-casting vote f'kull każ fejn il-voti jkunu ndaqs.

Il-Kumitat għandu jirrapporta lill-Kamra tad-Deputati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 1987.

10.08.87